# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tmienja (8) ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 2562/2000FDP**

Fl-ismijiet

**Ivan Formosa**

**Vs**

**Joe Micallef**

**U**

**Michael Caruana**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 5 ta' Diċembru 2000 li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

   *Peress illi l-attur Ivan Formosa jigi ħu Joseph Formosa, li nqatel fil-Qawra f'Diċembru 1999.*

   *Peress illi l-konvenut Joe Mikallef, bħala awtur u l-konvenut Michael Caruana bħala editur tal-ġurnal "In-Nazzjon" ippubblikaw rapport intestat* ***"Id-delitt ta' Joseph Formosa fil-Qawra - Inqatel minn ħabib"*** *fil-ħarġa tal-10 ta' Diċembru 1999 tal-ġurnal "In-Nazzjon".*

   *Peress illi l-konvenuti attribwew lill-mejjet Joseph Formosa fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu, jew li jesponuh għar-ridikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku.*

   *Peress illi b'din il-kitba l-konvenuti inġurjaw it-tifkira ta' Joseph Formosa u l-ġieh tiegħu, u kwindi ta' l-attur, ħuh.*

*Peress illi l-attur huwa intitolat għad-danni għall-inġurja morali u malafama a tenur tal-Liġi dwar l-Istampa.*

*Peress illi l-attur huwa wkoll intitolat għad-danni naxxenti minn reat, u fil-fatt huwa ppreżenta lill-Pulizija kwerela kontra ż-żewġ konvenuti a tenur ta' l-artikolu 252, 255 u 256 tal-Kap. 9 u ta' l-artikolu 11 tal-Kap. 248.*

*Jgħidu l-konvenuti għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara li l-konvenuti taw malafama lill-mejjet Joseph Formosa u offendew it-tifkira tiegħu billi attribwewlu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu, jew li jesponuħ għar-ridikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku.*

2. *Tillikwida d-danni a tenur u fil-parametri ta' l-artikolu 28 tal-Kap. 248 kif ukoll id-danni naxxenti mir-reat ta' malafama skond l-artikoli 1031 u 2154 tal-Kap. 16.*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fis-6 ta' Frar 2001 il-konvenuti laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

   1. *In-nuqqas ta' interess ġuridiku tal-attur.*

   2. *Mingħajr preġudizzju għall-premess, illi l-kitba ippubblikata ma fiha xejn inġurjuż u malafamanti fil-konfront tal-attur u hija biss kronaka u rapport fidil tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija mogħti lill-esponenti u lill-media l-oħra fil-pajjiż.*

**Provi**

3. Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Frar 2001, l-avukat tal-partijiet trattaw dwar il-kwistjoni tal-improponibilita' tal-azzjoni u tal-interess ġuridiku tal-attur.

4. Rat illi fl-istess seduta tat-28 ta' Frar 2001, l-attur talab illi jagħmel nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri dwar dawn iż-żewġ punti proċedurali.

5. Rat illi b'digriet datat 28 ta' Frar 2001, il-Qorti, kif diversament komposta, laqgħet it-talba tal-attur.

6. Rat illi fis-6 ta' April 2001, l-attur ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu (fol 16-21).

7. Rat illi fl-24 ta' April 2001, il-konvenuti ppreżentaw risposta għan-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur (fol 23-25).

8. Rat illi ngħatat sentenza preliminari fit-22 ta' Novembru 2001, minn din il-Qorti kif diversament komposta (fol 28-34) illi permezz tagħha, l-Qorti ċaħdet l-ewwel

eċċezzjoni tal-imħarrkin bħala mhix mistħoqqa u msejsa fil-liġi, billi l-attur wera li għandu interess li jagħmel il-kawża.

9. Rat ix-xhieda tal-attur mogħtija fil-11 ta’ Frar 2002 (fol 37-39).

10. Rat ir-rikors ippreżentat mill-attur fit-13 ta’ Mejju 2003 fejn talab il-Qorti diversament presjeduta tisfilza d-deposizzjoni tal-attur mogħtija fis-seduta tal-11 ta’ Frar 2002 (fol 44).

11. Rat in-nota ppreżentata mill-attur fis-16 ta’ Ġunju 2003, kontenenti l-affidavit tiegħu (fol 47-51).

12. Rat id-digriet mogħti minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-20 ta’ Frar 2004 fejn il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur magħmula permezz tar-rikors datat 13 ta’ Mejju 2003 (fol 53-55).

13. Rat il-kopja tax-xhieda mogħtija fis-seduta tal-25 ta’ Frar 2004 mill-attur fil-kawża numru 2560/2000 fl-ismijiet *Ivan Formosa vs Sharon Spiteri et* (fol 56-58).

14. Rat ix-xhieda tal-attur mogħtija fit-2 ta’ Ġunju 2004 (fol 60-63).

15. Rat in-nota ppreżentata mill-attur fit-2 ta’ Ġunju 2004 u rat id-dokumentazzjoni annessa magħha (fol 64-66).

16. Rat ix-xhieda tal-konvenut Joe Mikallef mogħtija fit-30 t’Ottubru 2004 (fol 68-78).

17. Rat ix-xhieda ta’ Joseph Zahra mogħtija fit-30 ta’ Ottubru 2004 (fol 79-81).

18. Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Marzu 2005 saret referenza għax-xhieda mogħtija mis-Supretendent Martin Bayliss li tinsab irreġistrata fl-atti tal-kawża bin-numru 2561/2000JRM (fol 87) li kienet miexja kontestwalment mal-kawża odjerna.

19. Rat illi fis-seduta tas-17 ta’ Marzu 2005 il-konvenuti ddikjaraw illi ma fadlilhomx provi iżjed xi jressqu.

20. Rat ix-xhieda tal-konvenut Joseph Zahra mogħtija fis-6 ta’ Ġunju 2006 u rat id-dokumentazzjoni minnu eżebita (fol 96-98 u fol 94-95).

21. Rat ix-xhieda ta’ Joseph Mikallef mogħtija fis-6 ta’ Ġunju 2006 (fol 99-101).

22. Rat illi fis-seduta tas-6 ta’ Ġunju 2006 il-Qorti, kif diversament komposta, ddikjarat magħluq l-istadju tal-provi.

23. Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ippreżentata mill-attur fit-30 ta’ Awwissu 2006 (fol 102-105).

24. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ippreżentata mill-konvenuti fil-25 ta’ Settembru 2006 (fol 107-110).

25. Rat illi fis-seduta tat-3 ta’ Ottubru 2006 il-Qorti kif diversament komposta, ħalliet il-kawża għas-sentenza.

26. Rat illi fl-4 ta' Marzu 2024 l-attur ippreżenta rikors fejn ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(3) tal-Kap 319, talab lill-Qorti tibgħat il-kwistjoni quddiem Qorti diversament presjeduta sabiex jiġi dikjarat u deċiż illi l-attur kien vittma ta' vjolazzjoni mwettqa mill-Qorti tal-garanzija ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli msemmija fl-Artikolu 6(1) tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jingħata rimedju u kumpens xieraq.

27. Rat illi fil-21 ta' Marzu 2024 l-attur ippreżenta rikors fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex din ma tingħatax fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2024 u tordna riferenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) diversament presjeduta. Illi f'dan ir-rikors l-attur talab li ssir referenza għall-konstatazzjoni tal-vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni minħabba dewmien eċċessiv.

28. Rat illi b'digriet mogħtija fis-26 ta' Marzu 2024 il-Qorti, kif diversament presjeduta laqgħet l-ewwel talba u ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni għas-26 ta' April 2024 biex tinstema' minn Qorti diversament komposta.

29. Rat illi l-kawża odjerna ġiet assenjata lil din il-Qorti, hekk komposta fit-22 ta' April 2024.

30. Rat illi l-Qorti appuntat il-kawża għat-trattazzjoni fit-3 ta' Ġunju 2024.

31. Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2024, il-Qorti dehirlha illi l-kawża odjerna kellha titħalla għas-sentenza mill-aktar fis possibbli, u għalhekk il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

32. Jirriżulta illi l-ħu l-attur Joseph Formosa kien ġie maqtul f'Diċembru tas-sena 1999 ġewwa l-Qawra.

33. Jirriżulta illi l-konvenut Joe Mikallef, bħala l-awtur tal-artiklu u l-konvenut l-ieħor Michael Caruana bħala editur tal-ġurnal intitolat "In-Nazzjon", kienu ppublikaw rapport li jġib it-titolu *"Id-delitt ta' Joseph Formosa fil-Qawra - Inqatel minn "ħabib"*, liema rapport kien ġie ppubblikat fil-ħarġa tal-10 ta' Diċembru 1999.

34. Jirriżulta illi skont l-istess attur, il-konvenuti kienu attribew lil ħuh il-mejjet fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu jew li jesponuh għar-ridikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku.

35. Jirriżulta wkoll illi l-attur qiegħed permezz tal-kawża odjerna jallega illi b'din il-kitba l-konvenuti nġurjaw it-tifkira u l-ġieh ta' ħuh Joseph Formosa.

36. Jirriżulta illi l-attur isostni illi huwa intitolat għal danni għall-inġurja morali u malafama a tenur tal-Liġi dwar l-Istampa, Kap 248 tal-Liġijiet ta' Malta.

37. Jirriżulta illi l-attur isostni illi huwa intitolat ukoll għal danni naxxenti minn reat u jallega illi ġiet ippreżentata kontra l-konvenuti kwerela lill-Pulizija ai termini tal-Artikolu 252, 255 u 256 tal-Kap 9 u tal-Artikolu 11 tal-Kap 248.

**Ikkunsidrat**

**Meritu tal-każ**

38. Jirriżulta illi l-pern tal-kwistjoni odjerna hija msejsa fuq il-fatt illi l-attur qiegħed jallega illi l-pubblikazzjoni tal-artiklu u tar-rapport ippublikat fil-ġurnal "In-Nazzjoni" fl-10 ta' Diċembru 1999 intitolat "*Id-delitt ta' Joseph Formosa fil-Qawra - Inqatel minn "ħabib"* fejn kien ġie rraportat mill-konvenuti l-qtil ta' ħuh Joseph Formosa huwa malafamanti u joffendi t-tifkira, l-unur u l-fama ta' ħuh kif ukoll jesponuh għar-ridikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku.

39. Għaldaqstant fl-azzjoni in deżamina, l-Qorti għandha l-kompitu illi tistħarreġ jekk dak allegat mill-attur huwiex minnu jew le u f'każ illi jirriżulta illi saret tabilħaqq malafama, tillikwida d-danni sofferti mill-attur.

40. Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva illi l-attur qiegħed isejjes l-ilment tiegħu fuq artiklu partikolari li kif diġa' ngħad kien ġie ppublikat fil-ġurnal "In-Nazzjoni" fl-10 ta' Diċembru 1999.

41. Infatti fl-affidavit tiegħu l-attur jispjega s-segwenti:

> *"Din il-kawża għamiltha minħabba dak li ġie ppublikat mill-ġurnal "The Times" fil-ħarġa tat-8 ta' Diċembru 1999 fir-rapport "Man found dead in bed with 13 stab wounds", li kien miktub minn Sharon Spiteri u ppublikat mill-editur Victor Aquilina, kif ukoll dak li ġie ppubblikat mill-ġurnal "In-Nazzjon" fil-ħarġa tal-10 ta' Diċembru 1999 fir-rapport "Inqatel minn "ħabib"- Id-delitt ta' Joseph Formosa mill-Qawra" li kien miktub mill-konvenut Joe Mikallef u ppublikat mill-editur Michael Caruana.*
>
> *Fl-imsemmija rapporti ntqalu ħwejjeġ li joffendu t-tifkira ta' ħija Joseph. Dawn ir-rapporti għamel ħsara lir-reputazzjoni ta' ħija Joseph u ddiżonorah wara mewtu. Min kien responabbli ppubblika affarijiet li mhumiex veri mingħajr ma kellu l-ebda provi. Ħija, billi issa huwa mejjet, ma jistax jiddefendi r-reputazzjoni tiegħu, u għalhekk qed issir din il-kawża minni sabiex niddefendi l-ġieh tiegħu wara mewtu".*
>
> (fol 48).

42. Il-Qorti tinnota illi r-rikorrenti permezz ta' nota datata 2 ta' Ġunju 2004, ippreżenta kopja tal-artiklu mertu tal-kawża (fol 65-66). In oltre, fit-2 ta' Ġunju 2004 l-attur kien xehed fejn huwa jispjega illi l-artiklu eżebit permezz ta' nota ppublikat fl-10 ta' Diċembru 1999 huwa dak *"illi abbażi tiegħu jiena ressaqt il-kawża"* (fol 60). Huwa jgħid ukoll illi:

> "*B'referenza għall-imsemmi artiklu, il-partijiet illi jiena insib illi joffenduni huma; parti mit-titlu ta' l-istess artiklu fejn tintuża l-kelma 'ħabib', l-aħħar sentenza ta' l-ewwel paragrafu ta' l-istess artiklu u il-kliem fir-raba' kolonna ta' l-istess artiklu li jibda mill-kelma 'kwistjoni' sal-kliem 'jafuh ħafna' ... Inżid ngħid ukoll illi l-artiklu mertu ta' din il-kawża, bħaż-żewġ artikli l-oħra li jiena ressaqt kawżi oħra kontra ġurnali oħra kienu determinanti biex ikkundizzjonaw lill-pulizija fit-tmexxija ta' l-investigazzjonijiet tagħhom dwar il-qtil ta' ħija"* (fol 60-61).

43. Għaldaqstant u in vista ta' dak spjegat u rilevat mill-istess attur fix-xhieda tiegħu hawn fuq imsemmija, l-Qorti sejra tirriproduċi dawk il-frażijiet li fuqhom ir-rikorrenti qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu. Kif jidher minn fol 65 il-frażijiet indikati huma s-segwenti:

*"Inqatel minn 'ħabib'", "li dan seta' nqatel minn 'ħabib'", "kwistjoni ta' relazzjoni u hu proprju minħabba f'hekk li nġabru għadd ta' rġiel li b'xi mod kellhom konnessjonijiet miegħu. Bosta minnhom nifhmu li ammettew ukoll li kienu jafuh ħafna".*

44. Sabiex il-Qorti tagħmel l-analiżi tagħha jekk dawn il-frażijiet għandhomx jiġu meqjusa bħala malafamanti, referenza ser issir għall-provi prodotti.

45. Illi fl-affidavit tiegħu l-attur jsostni illi:

*"Jiena kont naf illi ħija kellu problemi serji ta' natura familjari, matrimonjali u anke finanzjarji sa minn tliet (3) snin qabel ma ġie maqtul. Fl-aħħar tliet xhur ta' ħajtu, meta sirt naf li l-problemi aggravaw, kont sibtlu avukat ta' fiduċja. F'dawn l-aħħar tliet xhur ta' ħajtu, Joseph kien jidher, kif tħares lejh, li hu marid u imħasseb. Kien iġiblek ħasra. Għal din ir-raġuni, jiena konvint illi t-teżi ta' parties, omosesswalita' u prostituzzjoni hija assolutament bla ebda bażi.*

*Jiena lil Konrad Friggieri sirt nafu meta ħija Joseph introduċieni miegħu bħala ħabib u mhux bħala boyfriend tiegħu. B'kollox iltqajt miegħu tliet darbiet separati. Qatt ma wera tendenzi omosesswali u meta kellimtu dejjem tkellimna dwar il-problemi matrimonjali li kellu ħija. Ma kelli l-ebda raġuni biex nemmen li Konrad Friggieri kellu xi relazzjoni ma' ħija.*

*Fil-jum li hija nstab maqtul, jiena rċevejt telefonata mingħand Konrad Friggieri. Huwa qalli li l-mara li kellha ħanut tal-grocer maġenb l-appartament ta' ħija Joe kienet ċemplitlu u qaltlu li l-ġirien kien mħassbin għaliex ma rawx lil Joe fl-aħħar ġranet. Kien qalli li hu kellu ċ-ċavetta jekk jiena rrid immur miegħu ħalli jiftaħ.*

..........

*Wara l-funeral ta' ħija Joseph, kellimt lil mara tiegħu (li ġiet biss il-Knisja). Din kienet l-ewwel darba li kont kellimtha wara l-ewwel tarbija tagħhom, tmintax-il sena ilu. Hija qalet li xtaqet tkellimni, u allura jiena mort niltaqa' magħha r-Rabat. Hija bdiet tagħmel enfasi kbira fuq kemm kienet kburija bil-familja tagħha u li Joseph kien l-ewwel imħabba u li kienet tħobbu ħafna. Qaltli wkoll li kien omosesswali. Jiena mill-ewwel staqsejtha jekk dak li ġie ppublikat fil-gazzetta huwiex ta' unur għaliha u għal uliedha. Qaltli wkoll li ġurnalista ta' "In-Nazzjoni" staqsiha għar-ritratt ta' Joseph u hi tatulhom.*

*Jiena għidt bejni u bejn ruħi li hija ħaġa ferm stramba li taċċetta raġel omosesswali u rnexxielha jkollha ħamest itfal minnu minkejja l-periklu ta' sexually transmitted diseases li bosta omosesswali jintqal li jittieħdu minn dan il-mard.*

.....

*Jiena dak li qali ma naċċettahx bħala espressjoni sinċiera għaliex l-allegazzjoni dwar omosesswalita' kienet falza u waħda li tiżvija u t-tifkira ta' ħija tissewwa biss meta jiġi dikjarat li l-konvenuti taw malafama u offendew il-memorja ta' ħija b'allegazzjoni li kienet u għadha falza".*

(fol 48-51)

46. Referenza ser issir għax-xhieda mogħtija mir-rikorrenti fis-seduta tal-25 ta' Frar 2004 fejn l-istess attur jgħid illi:

*"B'riferenza għal mistoqsija li għadha kemm saritli u jiġifieri dwar liema parti mill-artikolu muri fil-ġurnal In-Nazzjoni Tagħna tal-10 ta' Diċembru 1999 jiena qiegħed inressaq l-oġġezzjonijiet tiegħi u l-meritu ta' din il-kawża ngħid illi jiena noġġezzjona għal dak kollu li fih l-artikolu msemmi mill-bidu sat-tmiem tiegħu.*

*Nispjega illi jiena sirt naf fl-artikolu meta rajt il-kartellun tal-ġurnal ta' dak in-nhar stess fejn kien indikat illi hija kien inqatel minn ħabib. Għadni ngħid illi l-iktar parti tal-artikolu illi ħassejtni offiż kienet dik il-parti fejn tissemma illi hija kien involut f'xi relazzjoni.*

*Qiegħed niġi mitlub mill-avukat Zammit Maempel biex nindika liema parti ta' l-artikolu jsemmi dan u qiegħed nindika illi l-parti tal-artikolu li fiha tissemma relazzjoni qiegħda ... fil-kolonna tal-imsemmi artikolu.*

.....

*Meta mbagħad rajt l-artikolu li deher fil-ġurnal in-Nazzjoni Tagħna fejn issemma mottiv u fejn ukoll intużat il-kelma relazzjoni allura hemm hekk imbagħad ħassejt illi kien qed jerġa' jsir azzjoni ħażina fil-konfront ta' ħija u li anke affettwat lili personalment.*

*Kienet ukoll intużat il-frażi, dakinhar illi deher l-artikolu fin-Nazzjoni Tagħna jiġifieri fl-10 ta' Diċembru 1999 kien ukoll deher artikolu fil-Orizzont illi b'żieda ma' dak illi kien ingħad fl-artikli l-oħrajn kien qal ukoll illi jew tefa' kliem fis-sens illi hija seta' kien involut f'xi att ta' prostituzzjoni"*

(fol 57-58).

47. Fix-xhieda mogħtija mill-attur fit-2 ta' Ġunju 2004 huwa jsostni illi:

*" Fuq il-mistoqsija li qiegħed jagħmilli l-Avukat Zammit Maempel, jiena rrid ngħid illi ħassejtni offiż bl-artiklu in kwistjoni indipendentement min jekk ħija il-maqtul kellux tendenzi omosesswali jew le, għaliex l-artiklu kif għamluh, tah bħala fatt illi ħija kien hekk. Minbarra hekk illi nqatel min persuna ta' sess maskili waqt relazzjoni omosesswali. Minbarra dan, illi l-artikolu jgħid kategorikament illi din il-persuna kienet barranija. Inżid ukoll ngħid illi l-imsemmi artiklu jidher illi ppublika bħala fatt dak illi l-pulizija qalu jew setgħu taw bħala tagħrif lil ġurnalist jew korrispondent in kwistjoni".*

(fol 62)

48. Referenza ser issir għax-xhieda mogħtija mill-konvenut Joe Mikallef fit-30 ta' Ottubru 2004. Huwa jispjega illi:

*"Irrid ngħid illi fl-epoka illi nkiteb dak l-artiklu, jiena kont naqdi d-dmirijiet ta' investigativ editor mal-ġurnal In-Nazzjoni. B'din il-frażi jiena nifhem illi jiena kont nitqabbad ninvestiga rapporti jew inkella każijiet li magħhom ikollhom x'jaqsmu l-pulizija. Qabel ma kont ingħatajt dan l-inkarigu jiena kont diġa midħla ta' ċerti proċeduri u ċioe' l-investigazzjonijiet li fihom kien ikunu nvoluti stħarriġ mill-pulizija jew inkella proċeduri bħal dawn u għalhekk ngħid illi sa dak in-nhar illi deher l-artiklu in kwistjoni, jiena kont diġa' lħaqt bnejn ċertu bażi ta' kuntatti.*

....

*Irrid nagħmilha ċara illi mill-aspett tax-xogħol tiegħi mal-ġurnal in kwistjoni, ma kienx tant jinteressani l-fatt innifsu tas-sejbien ta' persuna mejta u dana ngħidu l' għaliex dan kien ser jiġi rraportat b'xi mod jew ieħor fil-gazzetti oħrajn ukoll jew ċioe' fuq il-mezzi tax-xandir bis-smiegħ jew inkella viżjoni, li jitħabbru qabel ma tkun ħarġet il-gazzetta u għalhekk l-għan tiegħi bħala ġurnalist investigattiv f'dan l-aspett, kienet illi jiena nsegwi ċertu pisti li huma marbutin mal-każ li jkunu. Kont nipprova għalhekk insegwi linja ta' tagħrif mingħand l-investigaturi u nies li jkunu involuti fil-każ, illi normalment ma jiġux msemmija jew mistħarrġa, meta jingħatu aħbarijiet al caldo fuq mezzi oħra tax-xandir. Minħabba illi jiena kont għalhekk bnejt rapporti tajbin mingħand il-persuni illi normalment kienu jistgħu jagħtuni t-tagħrif, dan it-tagħrif meta jiena kont nitolbu kien jingħatali b'mod li wieħed jista' jorbot fuqu u dana ukoll minħabba l-fatt illi jiena dejjem ħarist il-kunfidenzjalita' tal-persuni li mingħandhom kont ningħata dan it-tagħrif.*

....

*Mitlub nikkumenta dwar il-kelma 'ħabib' illi hemm between inverted commas fit-titolu ta' l-artikolu, ngħid illi din tfisser ħafna. Irrid ngħid, naturalment, illi dan illi inkiteb fl-10 ta' Diċembru, kont sirt nafu minn dak in-nhar illi jiena kont intlabt immur sal-Qawra 'l quddiem. Naf illi matul dawk il-ftit jiem, il-pulizija bdiet issegwi għall-ewwel, il-pista ta' xi qtil minn xi persuna għarbija u dana fuq preċedenti ta' qtil ieħor illi kienu seħħew qabel dik l-epoka. Naf pero' illi dik l-ipotesi bdiet tiġi skartata favur oħra, illi l-vittma Joseph Formosa setgħa nqatel minn xi ħadd illi kien jafu sewwa. Irriżultali minn dan it-tagħrif ukoll illi s-sur Formosa kien jiffrekwenta xi rġiel. Irriżulta wkoll lil Pulizija li Joseph Formosa, kien debitur ta' diversi persuni. Jista' jagħti l-każ għalhekk, illi l-persuna illi daħlet fl-appartament ta' Joseph Formosa, kienet persuna ta' dan it-tip, u għalhekk il-kelma 'ħabib' qegħda between inverted comas. Għalhekk it-tifsira illi jiena tajt tal-kelma 'ħabib', użata fit-titolu ta' l-artiklu u l-kuntest tagħha fl-ewwel paragrafu ta' l-istess artiklu, tfisser ukoll x'ridt ngħid fil-paragrafu illi qiegħed fir-raba' kolonna ta' l-istess artiklu, fuq l-ewwel paġna li jibda bil-kliem "il-pulizija qed jemmnu' u jispiċċa bil-kliem 'kellhom x'jaqsmu mad-delitt tiegħu'. Jiena*

*għalhekk meta kont qed nagħti din it-tifsira, ippruvajt nevita li tismija ta' relazzjoni ta' natura omosesswali u dana ngħid 'l għaliex il-gazzetti jkunu jiġru f'idejn it-tfal, inklużi t-tfal li għandi jien li huma żgħar, u allura nkun konxju ħafna ta' dawn iċ-ċirkostanzi".*

(fol 68-77).

49. Fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2004 xehed ukoll Joseph Zahra fejn huwa jispjega illi kellu l-kariga ta' editur tal-ġurnal "In-Nazzjon" iżda d-data li fiha deher l-artiklu huwa kien bil-*leave*. Fix-xhieda tiegħu huwa jgħid illi:

*"Nagħmel referenza għal artiklu mertu ta' din il-kawża u ċioe' d-dokument illi jinsab f'paġna 65 u 66 tal-proċess, liema artiklu intestat "Inqatel minn 'ħabib'", u ngħid illi fid-9 ta' Diċembru, jiena wkoll kont qiegħed l-istamperija fuq xogħli bħala editur ta' dak il-ġurnal u l-ġurnalist in kwistjoni jiġifieri Joe Micallef, kien kellimni fuq din l-istorja. Jiena ngħid illi meta Joe Micallef, il-ġurnalista, kien urieni l-abbozz, dan kien l-abbozz ta' l-artiklu li hu kien qed jipproponi li jidher fil-ħarġa tan-Nazzjoni ta' l-10 ta' Diċembru, magħdud miegħu l-heading illi kellu jkun hemm fuq l-artiklu. Tkellimna fuq l-użu tal-kelma 'ħabib' u meta tkellimna fuq dan il-punt, jiena dehrli li ma kienx hemm xejn ħażin bl-użu ta' dik il-kelma.*

*Fuq mistoqija illi qiegħda tagħmilli l-Qorti rigward jekk il-kelma 'ħabib' kinetx diġa' in inverted commas, meta urini l-abbozz il-ġurnalista, jiena ngħid illi jiena stess insistejt li l-kelma 'ħabib' titqiegħed between inverted commas. Dan id-diskors kien sar fis-sens illi kien hemm il-ħsieb f'dak l-istadju li kellimni l-konvenut Micallef, illi Joe Formosa kien inqatel bl-istess mod illi kien inqatel Jones u Alfie Rizzo, u allura peress li jiena xtaqt li ma tingħatax dak l-impressjoni, allura insistejt illi kelma 'ħabib', titqiegħed between inverted commas. Jiena niftakar illi meta Joe Micallef urieni l-artiklu in kwistjoni, qalli ukoll illi kien kellmu ħu l-vittma".*

(fol 79-80).

50. Referenza ser issir għax-xhieda tal-konvenut Joseph Mikallef mogħtija fis-6 ta' Ġunju 2006 fejn huwa jispjega illi:

*"Fuq suġġeriment illi qiegħed jagħmilli l-avukat Azzopardi li ma jistax ikun illi l-attur lili ikkuntatjani fit-8 ta' Diċembru ta' l-1999, għaliex qed jingħad illi dan kien miżmum f'kuntatt kontinwu mal-Pulizija, jiena nerġa' ntenni illi l-attur ċempilli fit-8 ta' Diċembru 1999, għall-ewwel b'rabja kbira fuqu imma mbagħad sakemm spiċċat it-telefonata, konna wasalna fl-arranġament illi kien ingħata l-possibilita' li jekk jagħżel seta' jikkuntattjani u flimkien niddiskutu l-artiklu jew inkella modi oħra kif l-artiklu kellu jiġi mitbugħ u ppublikat anki wara l-approvazzjoni tiegħu.*

*Jiena nikkonferma wkoll illi qabel ma kien ikkuntattjani l-attur, kont ġejt f'kuntatt ma' qraba oħra tal-vittma li saħansitra kienu anki pprovdewni bir-ritratt illi kien deher ukoll fl-artiklu u tawni wkoll ħafna tagħrif ukoll. Ngħid illi ħafna mit-tagħrif illi deher fl-artiklu, ingħata lili mill-membri tal-familja*

*tal-vittma u kif ukoll sorsi qrib il-pulizija. L-informazzjoni kollha illi hemm imsemmija fl-artiklu ħadtha mis-sorsi illi jiena kkuntattjajt".*

(fol 100).

51. Ta' min wieħed jagħmel ukoll referenza għan-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur fejn ġie argumentat illi:

*"Dan ir-rapport ġie ppublikat jumejn wara li "The Times" (8/12/1999) ippubblikat rapport li semma' l-omosesswalita' in konnessjoni ma' dan il-każ. Għalkemm l-għada "The Times" ħarġet rapport fejn qalet li ma kienx magħruf il-movent, "there was no party, that the deceased was a very sick man and very few knew his whereabouts or his lifestyle", fl-10 ta' Ottubru[1] 1999 il-konvenuti odjerni ħarġu b'rapport dwar il-każ li tassew ikkalpesta sal-qiegħ ir-reputazzjoni tal-maqtul.*

...

*Kulħadd jifhem it-tifsira ta' 'ħabib'. Għall-effett ċert żdiedu l-virgolette, u għal min isibha diffiċli biex jifhem, il-konvenut semma espressament "minħabba kwistjoni ta' relazzjoni"- espressjoni din użata appożitament għal effett sensazzjonali. Ħu l-esponent, il-vittma Joseph Formosa, ma kellu l-ebda 'boyfriend'. Min kiteb hekk kellu joffri apoloġija mill-bidunett".*

(fol 103)

**Ikkunsidrat**

52. Kif huwa delineat hawn fuq, l-attur isostni illi l-konvenuti mmalafamaw lil ħuh il-mejjet Joseph Formosa u offendew it-tifkira, l-unur u l-fama ta' ħuh kif ukoll esponuh għar-ridikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku minħabba l-fatt illi fl-artiklu ppubblikat fl-10 ta' Diċembru 1999 huma kienu kitbu illi Joseph Formosa seta' nqatel minn 'ħabib' u l-kelma 'ħabib' tpoġġiet in virgolette, kif ukoll għaliex fl-istess artiklu hemm imniżżel illi dan seta' inqatel minħabba kwistjoni ta' relazzjoni.

53. Il-Qorti tosserva kif l-atttur, fix-xhieda tiegħu jsostni illi hu ħassu offiż bl-artiklu għaliex:

*" Fuq il-mistoqsija li qiegħed jagħmilli l-Avukat Zammit Maempel, jiena rrid ngħid illi ħassejtni offiż bl-artiklu in kwistjoni indipendentement min jekk ħija il-maqtul kellux tendenzi omosesswali jew le, għaliex l-artiklu kif għamluh, tah bħala fatt illi ħija kien hekk. Minbarra hekk illi nqatel min persuna ta' sess maskili waqt relazzjoni omosesswali".*

54. Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għax-xhieda mogħtija mill-konvenut Joe Mikallef fejn huwa jispjega illi huwa ġurnalist investigattiv u għaldaqstant kif mistqarr minnu stess:

[1] Il-Qorti tinnota illi dan ix-xahar kien indikat b'mod ħażin għax l-artiklu in kwistjoni ġie ppublikat fl-10 ta' Diċembru 1999.

> "*L-għan tiegħi bħala ġurnalist investigattiv f'dan l-aspett, kienet illi jiena nsegwi ċertu pisti li huma marbutin mal-każ li jkunu. Kont nipprova għalhekk insegwi linja ta' tagħrif mingħand l-investigaturi u nies li jkunu involuti fil-każ, illi normalment ma jiġux msemmija jew mistħarrġa, meta jingħatu aħbarijiet al caldo fuq mezzi oħra tax-xandir".*

55. Ikkunsidrat dana kollu, il-Qorti tosserva li, mill-qari tal-artiklu in kwistjoni, hija tqis illi l-kontenut tal-artiklu ma hu bl-ebda mod inġurjuż jew li jiddiżrispetta t-tifkira u l-unur tal-persuna, iżda fih il-ġurnalist, ossia l-konvenut Joe Mikallef, kif spjegat anke minnu stess, kien qed isegwi diversi pisti investigattivi tra cui ukoll il-pista relatata mal-omosesswalita'. Illi b'hekk dak l-artiklu kien riflessjoni tat-tagħrif illi huwa kien qed jingħata min-nies involuti fil-każ, investigaturi u nies oħra li mingħandhom kien kiseb xi tagħrif.

56. Il-Qorti tosserva illi kemm l-attur kif ukoll il-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jagħmlu referenza għax-xhieda mogħtija mill-Ispettur Chris Pullicino, liema xhieda ngħatat fil-proċess numru 2561/2000. L-attur fin-nota tiegħu jgħid is-segwenti:

    > *"L-Ispettur Chris Pullicino li xehed f'din il-kawża qal li waħda mill-pisti investigati mill-Pulizija kienet tikkonċerna attivita' omosesswali tal-mejjet - ħaġa li hija gidba"* (fol 104).

    Filwaqt illi l-konvenuti fin-nota tagħhom jsostnu illi:

    > *"Irriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Christopher Pullicino illi waħda mill-pisti investigati mill-pulizija hija konnessa mal-omosesswalita'; dan ġie mgħarraf lill-artikolista Mikallef minn sorsi viċin il-Pulizija ... Irriżulta mix-xhieda tal-Ispettur Chris Pullicino u minn dik tal-kwerelat Mikallef illi effettivament l-uffiċjali tal-Pulizija li kienu qed jinvestigaw l-omiċidju, għażlu li jinvestigaw il-pista li hija relatata mal-omosesswalita'"* (fol 108).

57. In oltre, l-Qorti tirrileva wkoll illi fid-dawl tal-provi prodotti, l-attur stess fl-affidavit tiegħu jistqarr illi wara l-mewt ta' ħuh kien iltaqa' mal-mara ta' ħuh fejn kienet qaltlu illi ħuh kien omosesswali:

    > *"Hija bdiet tagħmel enfasi kbira fuq kemm kienet kburija bil-familja tagħha u li Joseph kien l-ewwel imħabba u li kienet tħobbu ħafna. Qaltli wkoll li kien omosesswali. Jiena mill-ewwel staqsejtha jekk dak li ġie ppublikat fil-gazzetta huwiex ta' unur għaliha u għal uliedha".*

58. Barra minn hekk, fl-istess affidavit ir-rikorrenti jsemmi lil ċertu Konrad Friggieri u jgħid illi ħuh Joseph kien introduċih lilu bħala l-ħabib tiegħu. Huwa jsemmi wkoll kif l-istess Konrad Friggieri kellu ċ-ċavetta tal-appartament ta' ħuh Joseph u kif mara li kellha ħanut tal-*grocer* biswit l-appartament ta' ħuh kienet ikkuntattjat lil dan Konrad Friggieri meta ħu l-attur ma kienx tfaċċa għal diversi ġranet. Huwa ċar illi ħuh kien aktar viċin ta' Konrad Friggieri milli tal-attur.

59. Jigi osservat wkoll illi, fil-kawża in deżamina, l-attur stess minn jeddu fl-affidavit tiegħu jafferma illi l-mara ta' ħuh qaltlu illi ħuh Joseph Formosa kien omosesswali. B'hekk il-Qorti tirrileva illi, kif qed isostni ir-rikorrenti, l-interpretazzjoni li huwa qiegħed jagħti għall-kelma 'ħabib' kienet dik ta' *partner* omosesswali. Madanakollu, l-Qorti tqis illi l-

artiklu ma kellu xejn li jista’ jiġi kkunsidrat bħala imprudenti u malafamanti. Anzi l-Qorti tazzarda tgħid illi dak mistqarr mir-rikorrenti fl-affidavit tiegħu, jista’ jitqies bħala affermazzjoni illi l-pista li kien qiegħed isegwi l-konvenut Mikallef konnessa mal-omosesswalita’ kienet waħda li kienet timmerita illi tiġi segwita.

60. Il-Qorti, filwaqt illi tifhem illi l-artiklu in kwistjoni inkiteb fis-sena 1999 u li maż-żmien ikun hemm tibdil fil-mod kif is-soċjeta’ taħseb, xorta ma tistax tqis illi dak miktub fl-artiklu imsemmi għandu b’xi mod jiġi kkunsidrat bħala malafamanti u li joffendi t-tifkira u l-unur ta’ persuna jew li tesponih għar-ridikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku.

61. Fl-affidavit tiegħu l-attur jsostni illi l-ħsara li kkawżaw il-konvenuti hija li:

> *“(1) taw malafama lill-memorja jew reputazzjoni ta’ ħija Joseph u ddiżonorawh wara mewtu u (2) wara r-rappurtar sensazzjonali tagħhom, għalqu l-bibien ta’ l-investigazzjoni dwar id-delitt, qieshom il-‘portavoce’ tal-Korp tal-Pulizija”* (fol 50).

62. Il-Qorti tħoss illi ġialadarba l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq l-allegazzjoni illi l-konvenuti huma responsabbli għall-malafama fil-konfront ta’ ħu r-rikorrenti u ġialadarba mill-provi prodotti ma jissussistix illi l-artiklu in kwistjoni kien wieħed malafamanti, l-konvenuti ma jistgħux jitqiesu responsabbli għall-ħsara allegata mill-attur.

63. Il-Qorti tqis illi l-artiklu *de quo*, bl-ebda mod ma jinsulta jew jiddiżonera l-memorja ta’ Joseph Formosa. Il-konvenut Mikallef *qua* ġurnalist investigattiv u Michael Caruana *qua* l-editur ta’ dakinhar meta ġie ppubblikat l-artiklu in kwistjoni kienu qegħdin jaqdu d-dmirijiet tagħhom ta’ ġurnalisti ġewwa pajjiż demokratiku.

64. Fl-ottika ta’ dan il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mangion vs Reverendu Noel Grima bħala editur tal-ġurnal ‘The Malta Independent***’[2] fejn il-Qorti tgħid is-segwenti:

> *“Id-dritt tal-individwu għar-reputazzjoni u unur tiegħu tikkostitwixxi l-limitazzjoni li timponi l-Liġi tal-Istampa fuq il-liberta' tal-espressjoni. Il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet “Vincent Borg vs Victor Camilleri et” - (A.C. 15 ta’ Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.), esprimiet dan il-prinċipju fis-sens li jeħtieġ li jinżamm bilanċ bejn “il-bżonn li s-soċjeta` demokratika jitħalla spazju suffiċjenti għal-liberta` li wieħed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-ġudizzju tiegħu, mal-bżonn l-ieħor, xejn anqas meħtieġ, tad-difiża tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f’soċjeta` demokratika għandu kull dritt li jgawdi”.*
>
> *Tali tagħlim ġie perfezzjonat mill-Qorti tal-Appell li kienet qiegħda tisma’ l-każ "L-Avukat Dr. Louis Galea vs Joe Mifsud," fejn, fis-sentenza tagħha tat-3 ta’ Frar 2012 żiedet tgħid li “ġurnaliżmu investigattiv għandu jingħata ampja protezzjoni f’soċjeta’ demokratika, anke jekk ċerti allegazzjonijiet jiġu miċħuda minn dak milqut, il-ġurnalist dejjem jibqagħlu d-dritt li jinvestiga u jistħarreġ fuq allegazzjoni anke jekk tibqa’ allegazzjoni mhux pruvata kif trid*

[2] Deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta’ Novembru 2013- Ċit. Numru: 158/1999/1

*il-Liġi. F'dak li jsir ġurnaliżmu investigattiv serju, anke meta jirriżulta żball ġenwin, jista' wkoll ikun tollerat.*

......

*Kif ġie deskritt mill-awturi Robertson QC u Nicol QC fil-ktieb "Media Law" (4th ed.) (pag.80) "The 'defamatory test' is variously described as lowering the claimaint in the estimation of right-thinking people generally" u jsostnu li "The law of libel can be activated only when a false statement actually damages a reputation. An assertion is not defamatory simply because it is untrue - it must lower the victim in the eyes of right thinking citizens.*

....

*"Fil-kawża Galea v. Mifsud fuq rapportat, intqal a propożitu li: "meta Qorti tkun rinfaċċjata b'ġurnalizmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija għandha tagħti marġini u l-attitudni mill-aktar wiesgħa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-eżami ta' jekk kumment ikunx wieħed fair o meno (ara eż. Victor Pace v. Joe Azzopardi et, Qorti tal-Appell /6/2004); u wieħed jista' jmur oltre u jgħid ukoll li meta si tratta ta' tali ġurnaliżmu investigattiv u responsabbli jista' jagħti l-każ li jekk jikkonkorru ċerti ċirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` għall-malafama anke jekk sussegwentement jirriżulta li xi fatt wieħed jew aktar li jkun ġie ppubblikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL [2006] UKHL 44; [2006] All ER(D) 132 (Oct)).*

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tal-attur.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a karigu tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**